MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 917/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**JOHN CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN CARUANA** ta' erbgha w sittin sena bin Joseph u Margaret nee Debono, imwieled Zejtun nhar s-sitta ta' Gunju 1958 u residenti 19/2, Tamlin Flats, Sqaq Zbibu, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 419856M gie mressaq quddiemha akkuzat talli l-erbatax ta' Awissu 2001 u fil-gimghat precedenti f'Tas Sliema, approprja ruhu billi dawar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' tlett elef erbgha mija tnejn u disghin lira maltin li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speciifikat jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, b'detriment ta' Michael u Lucienne Sciortino.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Novembru 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja esibit fl-atti a fol 7 markat bhala dokument CSH 2.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-fatti specie tal-kaz ma jidhirx li hemm kontestazjoni bejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni. Il-kontestazzjoni hija dwar jekk il-fatti kif ppruvati mill-Prosekuzzjoni w ammessi sa certu punt mid-Difiza, jammontawx ghal reat ta' misapproprijazzjoni moghtija lil imputat.

Bhala fatti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li Michael Sciortino kien mar ghand l-imputat sabiex jghamlu booking ghal Amerika ma KD Trading Services Limited ghal familja tieghu u ohra u ghaddielhom s-somma ta' tlett elef sitt mija u sebghin lira maltin f'diversi pagamenti. Effettivament jirrizulta li l-imputat kien ghadda s-somma ta' tmien mitt lira [mill-ammont ta' flus li kien inghata mill-imputat] lil KD Trading Services Limited ghal dan il-vjagg pero ma hallasx il-bilanc u Michael Sciortino, kellu jerga jhalls l-ammont ta' flus mi9nghajr d-deposit sabiex ottjena l-pakkett tal-vjagg. Michael Sciortino xehed w ikkonferma li huwa ma thallasx lura s-somma flus minghand l-imputat ghalkemm l-imputat ma xtarax il-vaganza.

**L-imputat ghazel li jixhed** u nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2003, xehed viva voce l-Qorti fejn stqarr li huwa kellu agenzjija tal-ivvjaggar pero minhabba t-tragedja li hakmet lid-dinja kollha u cioe t-tragedja tal-Amerika tal-hdax ta' Settembru, in-negozju tieghu falla u ghalhekk illum m'ghadux jopera dan il-generu ta' negozju.

Huwa spijega li kellu ufficju fi Triq Rodolfo, Tas Sliema izda wara kien mexa lejn Triq Tigne u waqt li kien fil-process tal-ivvjagar, sab xi koppji li fil-fehma tieghu kienu

bills payable. Pero minn ezami ta' dan d-dokument Z jirrizulta li dawn ma kienux bills payable imma ricevuti ta' hrug ta' bank drafts, ta' bills payable li kien hareg fis-sena 1998 bhala backup tal-cash tal-kumpanija tieghu. Huwa kkonferma li thallas ammont ta' flus minghand Michael Sciortino sabiex jhallsu vjagg ghall Amerika pero hu wzahom sabiex jhallas xi kontijiet li l-kumpanija kellha pendenti. Huwa dan ghamlu ghaliex kien taht l-impressjoni li kellu flus ohra biex jghamlu tajjeb ghal dan il-vjagg, pero effettivment ma kellux.

L-Avukat Difensur jsostni li l-imputat m'agixxix b'mod doluz f'dak li ghamel u cioe uza l-flus ghal skop iehor bil-hsieb li jinganna lil Michael Sciortino jew li jdawwar xi profitt ghalih bl-uzu tal-flejjes. Jghid li ghal ghalkemm l-actus reus tar-reat jirrizulta bic-car, id-dolo tal-imputat ma jirrzultax, lanqas remotament.

Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra jsostni li dan r-eat jirrizulta ppruvat ghaliex l-imputat uza l-flejjes li gew moghtija lilu bi skop specifikat ghal ghan differenti.

Ir-reat ta' approprijazzjoni indebita huwa kontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodici Penali. Minn ezami ta' dak l-asrtikolu jidher car li wiehed mll-elementi essejnzjali tal-approprijazzjoni indebita, fil-kuntest tal-kaz presenti huwa kostitwit mill-frazi "*… taht ebda titolu li jgib mieghu l-obbligu … li jsir uzu minnha specifikat…*" Specifikat minn min ? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lil agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lil agent dwar kif jkollu jaghmel uzu mill-oggett konsenjat lilu minnha. Jekk, per ezempju, l-konsenjatur jaghti flus lil agent biex dan bihom jixtri, l-agent jikkommetti r-reat t'approprijazzjoni indebita jekk minflok, jaghtihom karita. Fl-indagini dwar htija jew le tali approprijazzjoni indebita ghandha ssir prova tal-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel minn haga dak l-uzu jew uzu divers.

Issa, f'dan il-kaz, il-flus gew moghtija minn Michael Sciortino lil imputat biex jaghmel uzu specifiku u cioe sabiex jixtrilu vjagg ghal Amerika.

L-essenza vera ta' dan r-reat huwa l-abbuz tal-fiducja tal-persuna li tkun iddisponiet mill-haga bhalikieku kienet taghha '*uti dominus*', tarroga lilha nnifisha poteri li jappartjenu lis-sid u b'hekk jaghmel hsara lil proprjeta ta' haddiehor.

L-element ta' dan r-reat huma s-segwenti:

a. il-fiducja fir-rilaxx tal-oggett [f'dan il-kaz l-flus];
b. l-oggetti li jrid ikun *movable* ;
c. l-obbligu tar-ritorn tal-oggetti una volta uzat ghal ghan specifiku;
d. *la distrazione* ;
e. id-dolo jew *mens rea* li jikkonsisti fil-voluntarjeta tal-att ta' *conversione* u l-*fine di lucro*.

L-awtur Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 -para 1951 jghid is-segwenti:

*"Il reato di approprazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui inprofittoa proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."*

Il-Qorti thoss li l-imputat m'ghamilx uzu specifiku mill-flejjes li gew mghoddija lilu b'struzzjonijiet specifici. Huwa jghid li wzahom ghaliex haseb li kellu flus ohra li jkopruh.

Il-Qorti ma hiex konvinta mill-ispjiegazzjoni li ta l-imputat u dan ghaliex bniedem fil-mestier ta' negozju kif kien hu, ikun jaf jekk ghandux flejjes fil-kont tieghu. Hawnhekk si tratta ta' somma ta' 'l fuq minn tlett elef lira u ghalhekk il-Qorti thossha difficili temmen li l-imputat kellu flus biex jkopru din is-somma ghaliex tfixkel ricevuta ta' hrug ta' bank draft li thallsu fis-sena 1998 ma flejjes li suppost kellu l-imputat fis-sena 2001 - sentejn wara.

Il-Qorti temmen li l-imputat qabad w iddispona mill-flus kif dehrlu hu u fil-fatt sabiex jhallas xi kontijiet li huwa possibilment kellu pendenti u mhux skond l-iskop li dawk kienu fdati lilu u b'hekk ma hemmx dubbju li kkawza hsara lil partimonju ta' Michael Sciortino li effettivment kellu jerga jhallas l-vjagg mill-gdid.

Skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar d-dsatax ta' Frar 1942*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Antonio Pisani**, gie deciz li r-reat ta' appropriazzjoni indebita jigi kkunsmat meta l-oggett fdat jigi aljenat mhux skond l-ghan li jinghata.

**L-Imhallef Harding** fil-ktieb tieghu ***Recent Criminal Cases Annotated*** no. 24 - pagna 52, meta qed jikkummenta fuq s-sentenza fuq imsemmija jghid:

*"The Court of three judges held that the prevailing opinion is that the offence is completed as soon as the sum or thing is fraudulently misappropriated, that is, misapplied with the intention of converting it to one's own profit or that of another and the actual disposal is not necessary for the completion of the offence. As soon as a sum or thing is misappropriated, there is an usurpation of the right of ownership."*

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lil imputat JOHN CARUANA hati tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu.**

Dwar il-piena il-Qorti, rat l-fedina penali tal-imputat li ghandha biss reat wiehed registrat fuqha fis-sena 1992 meta l-imputat inghata unconditional discharge dwar reat fuq ksur ta' ligijiet fiskali.

Rat li l-imputat kkopera mal-Prosekuzzjoni dwar fatti u li llum il-kwistjoni qed tigi risolta civilment u ghalhekk ma thossx li piena karcerarja hija l-piena idoneja f'dan il-kaz.

Ghalhekk **tiddecidi billi tikkundanna lil imputat JOHN CARUANA ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin u ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghti l-fakulta lil imputat jhallas il-multa nflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax ta' April 2004**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------